# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2657

**Kaz Numru 3289/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Emmie Cassar (ID 209878M)**

**u**

**Port Logistics Operations Limited (C42715)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta**

**<u>Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 19 ta' Frar, 2020**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Emmie Cassar fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar l-14 ta' Settembru, 2014, fejn sostna li l-impjieg tieghu gie terminat minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impjieg saret ghal raguni tajba u sufficjenti.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tlieta u ghoxrin (23) seduta fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Emmie Cassar li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant fil-bidu kien assitit minn Dr. Aron Mifsud Bonnici, wara minn Dr. Abigail Critien, aktar tard minn Dr. Carina Bugeja Testa u fl-ahhar minn Dr. Anthea Witney Turner.

Port Logistics Operations Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah s-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata mis-Sur Noel Galea assistit minn Dr. Jan-Karl Farrugia.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-relazzjoni lavorattiva tal-Appellant mas-Socjeta' ntimata bdiet fl-1 ta' Jannar, 2008, fil-kariga ta' *Coxswain / Deck-hand* u inizjalment fuq bazi ta' *Self-employed* u aktar tard f'Gunju 2014 bhala mpjegat propju.

F'Gunju 2014 l-Appellant kien deher quddiem Bord ta' Dixxiplina akkuzat b'nuqqasijiet f'xogholu nhar l-24 ta' Marzu, 2014.

Wara li kien instab hati minn dan il-Bord, l-Appellant kellu l-impjieg tieghu mitmum nhar id-29 ta' Lulju, 2014.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Colin Formosa** xehed li huwa Direttur ta' din il-Koperattiva u anke jahdem maghha bhala *Pilot.* Qal li huwa jaf lill-Appellant bhala mpjegat maghhom.
Ix-xhud qal li huwa ma kienx imdahhal b'mod dirett mat-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant peress li hemm kumitat ta' tlieta min-nies li jitratta dawn l-affarijiet, pero' kien konxju. Ix-xhud qal li jahseb li t-tmiem tal-impjieg tal-Appellant sehh minhabba li huwa kien irrifjuta li johrog ghax-xoghol, fejn dwar dan il-kaz kien sar Bord ta' Dixxiplina.
Ix-xhud wara ghadda sabiex ta deskrizzjoni dettaljata tax-xoghol li kien jaghmel l-Appellant fejn qal li dan kien *Coxswain.* Ix-xhud qal li fl-2010 u fl-2012 huwa kien wissa lill-Appellant dwar kazi ta' *over-speeding* tal-lanca, fejn wara spjega l-konsegwenzi finanzjarji li dan ir-reat ikkaguna. Dwar l-ewwel kaz l-Appellant kien inghata *verbal warning* u dwar it-tieni kien inghata *written warning* wara s-smiegh f'Bord ta' Dixxiplina. Ix-xhud sostna li minhabba dawn l-episodji huwa jhoss li ntilfet il-fiducja fl-Appellant u sostna li personalment ma jhossux komdu jahdem mieghu peress li x-xoghol taghhom jinvolvi certu periklu. Ix-xhud sostna li d-decizjoni li jintemm l-impjieg tal-Appellant ttiehdet minn tlieta min-nies li kienu Noel Galea, Mark Muscat u Jesmond Mifsud.

Huwa sahaq li l-agir tal-Appellant fl-incident li wassal ghat-tmiem tal-impjieg tieghu, huwa jqisu bhala sfida lill-kumpanija. Huwa qal li din id-decizjoni kienet

ittiehdet wara li l-Bord tad-Dixxiplina kien sab lill-Appellant hati li ma harigx ghax-xoghol.

**Joseph Micallef** xehed li huwa *Pilot* mall-kumpanija, fejn qabel kien anke fil-Kumitat. Ix-xhud irrakkonta kaz fejn l-Appellant kien talabhom xahrejn *leave* sabiex imur jaghmel xoghol barrani, fejn spicca ghamel erba' xhur.
Ix-xhud qal li matul dan il-perjodu l-Appellant kien jibghat lil haddiehor minfloku. Huwa sostna li dan ma kienx jinhass etiku mall-kumpanija. Ix-xhud qal li huwa jhoss li wara dak l-episodju, l-atteggament tal-Appellant fuq ix-xoghol inbidel. F'dan il-kuntest ix-xhud semma xi kazijiet ohra fosthom anke fejn l-Appellant kien ghamel hsara fuq lanca. Huwa qal li kienu diversi d-drabi fejn kienu jwissuh sabiex jibdel l-attitudni tieghu fuq ix-xoghol. Ix-xhud spjega li wara l-incident li wassal ghat-tkeccija, kienu talbu lill-Appellant jaghti spjegazzjoni, fejn huwa kien kiteb li dakinhar ma setax joqghod wara l-hin ghaliex fis-sitta kellu appuntament tal-familja. Huwa qal li wara l-Appellant kien ittella' bord ta' dixxiplina. Ix-xhud qal li l-episodji li kien semma qabel, sehhew kemm meta l-Appellant kien ghadu *self-employed* u anke meta kien qaleb bhala impjegat. Ix-xhud spjega li x-xift tal-*Coxswains* kien fuq bazi ta' *day/night/rest/off*, mifrux fuq tnax-il siegha bejn il-05:30-18:00 u l-17:30-06:00. Ix-xhud irrijafferma li dakinhar tal-incident l-Appellant ma kienx avza li dakinhar ma setax joqghod wara l-hin ghaliex ghandu appuntament. Ix-xhud enfasizza li l-esigenzi tax-xoghol tal-kumpanija jitolbu li mpjegat ikun disponibbli ghal meta jinqala' x-xoghol. Ix-xhud qal li fl-incident kien hemm Arthur Grech involut mieghu. Huwa qal li minkejja li dan gie mghoddi Bord ta' Dixxiplina ma giex imkecci mix-xoghol bhalu ghaliex din kienet l-ewwel darba li kellu kaz ta' dixxiplina. Ix-xhud qal li huwa ma jafx li l-Appellant kien ix-*shopsteward* tal-GWU u anke meta staqsa lil shabu dawn ma qalulux li huwa kien jirraprezentahom.

**Jesmond Mifsud** xehed li huwa *Chief Pilot* u Direttur tal-kumpanija. Qal li f'dan il-qasam ta' xoghol ilu jahdem fih ghal dawn l-ahhar 25 sena. Ix-xhud ghadda sabiex jispjega f'certu dettall id-doveri li twettaq persuna fil-kariga bhal tal-Appellant u anke l-ambjent li kien isir ix-xoghol. Ix-xhud ghadda sabiex spjega kif ghen lill-Appellant sabiex jikseb *Masters License*. Spjega li f'din il-kariga jrid ikollok persuna ta' certa *trust* ghaliex tista' tpoggilek hajtek fil-periklu. Spjega li personalment qatt ma kellu *issues* f'dan is-sens ma' l-Appellant pero' jaf li Joe Micallef (*pilot*) kellu argument f'dan is-sens, fejn ix-xhud qal li kien indahal sabiex jikkwieta l-affari.
Ix-xhud wara ghadda ghal x'gara nhar l-24 ta' Marzu, 2014, fejn spjega li meta l-Appellant u persuna ohra gew mgharrfa mill-*Manager* James Spiteri li jridu jaghmlu *conveyance* irrispondew it-tnejn li dan ma setghux jaghmluh ghaliex dan kien ser jaqbez is-18.00 u kellhom xi appuntament.

Spjega li l-persuni li ghamlu x-xoghol minflokhom dakinhar lestew fil-17.55 u telqu d-dar f'xi 18.15. Dwar dan il-punt ix-xhud ghamel l-ispjegazzjoni tieghu billi pproduca *logbook* li kien jindika dettalji tal-hinijiet.
Wara huwa ghadda sabiex ta dettalji ta xi ncidenti ohra li kien imdahhal fihom l-Appellant, fejn semma li darba l-Appellant kien nesa *pilot* waqt li qaghad jiekol il-hobz f'kamra.
Ix-xhud spjega kif l-Appellant gieli talab li jinghata *unpaid leave* fit-tul sabiex imur jaghmel xoghol ma' haddiehor. Spjega li fost drabi ohra, darba approvawlu dan il-*leave* ghal ftit xhur, fejn l-Appellant kien intriga persuna ohra sabiex tidhol xoghol minfloku. Ix-xhud iddeskriva lill-Appellant bhala persuna kapaci f'xogholu u sahaq li huwa kien *overqualified* ghax-xoghol li kien jaghmel. Ix-xhud iddeskriva dan il-fatt bhala li seta' kien il-kagun li l-attitudni tal-Appellant lejn ix-xoghol kienet indifferenti.
Ix-xhud stqarr li huwa ma jafx li l-Appellant kien rapprezentat tal-*Union* u lanqas qatt ma xi hadd qallu hekk.
Ix-xhud ta dettalji ta' kif ikun ix-xoghol f'gurnata normali fejn ix-xift ikun mill-05.30 sas-18.00, b'zewg persuni kull xift. Qal li bhala hin tal-*break* dan ma setax ikun fiss minhabba li n-natura tax-xoghol hija marbuta ma' vapuri, fejn il-*break* jittiehed meta tkun laxk.

**James Spiteri** beda billi xehed li ilu jahdem mall-kumpanija 4 snin u jokkupa l-kariga ta' *Operations Manager*, dan filwaqt li ta spjegazzjoni dettaljata tad-doveri tieghu. Ghadda sabiex jaghti dettalji ta' xi *work policies* li jkunu jridu jigu osservati, fejn fosthom spjega kif tigi moniterjata l-*policy* dwar il-velocita li tkun qed tithaddem lanca, fejn qal li l-moniteragg isir permezz tad-*Data Track.* F'dan il-kuntest semma li l-Appellant f'Mejju 2012 kien kiser din il-*policy* meta saq il-lanca bi 20 *knots* minflok b'16. Semma wkoll kif l-Appellant darba kiser il-*policy* dwar l-ilbies, fejn waqt il-qadi ta' dmirijietu kien liebes flokk u *flip-flop*. Ix-xhud qal li dawn il-*work policies* gieli jigu *revised* u l-ahhar li sar hekk kien fl-2012. Huwa pprezenta kopja ta' dawn il-*policies* kif hargu fl-2013.
Dwar il-kaz tal-24 ta' Marzu 2014, ix-xhud qal li huwa kien involut b'mod dirett. Qal li dakinhar huwa kien cempel lill-Appellant u lill-impjegat iehor jismu Arthur li f'xi 15.30 waqt li huma kienu xoghol fil-Freeport. Ix-xhud qal li kien avzahom li ghall xi l-16.30 kellu jkun hemm xoghol ta' *conveyance* fuq rikjesta li kienet saret aktar qabel minghand l-agent tal-Palm Shipping is-Sur Andrew Grech. Kompla li f'xi 15.45 baghtilhom messagg fejn ikkonfermalhom li l-*conveyance* ser issir fil-17.00. Ix-xhud qal li l-Appellant irrispondieh f'ismu u f'isem siehbu li huma ma setghux jaghmlu dan ix-xoghol ghaliex fis-18.00 kellhom appuntament.

Ix-xhud qal li pprova jikkonvinci lill-Appellant li x-xoghol seta jlahhqu sal-hinijiet propju tax-xift u cjoe' sas-18.00 ghaliex ix-xoghol kien avvanz b'nofs

siegha u allura kellu jsir fl-16.30, pero' l-Appellant baqa' jirrifjuta. Huwa pprezenta dokumentazzjoni li tissostanzja dawn il-kuntatti telefonici.
Ix-xhud qal li fic-cirkostanzi sabiex ma jittardjax il-*conveyance* ordna li din issir minn *crew* li kienu bir-*rest*, fejn din xorta harget xi 20 minuta tard. Ix-xhud qal li dan ix-xoghol tlesta f'xi s-17.45. Ix-xhud qal li mil-*logging* tad-*data track* jindika li hija u hierga l-lanca sabiex taghmel il-*conveyance*, din ghamlet xi hames minuti wieqfa magenb il-lanca li gewwa fiha kien hemm l-Appellant u siehbu Arthur. Huwa pprezenta dokumenti li jissostanzjaw dawn id-dettalji.
Ix-xhud semma episodju iehor fejn l-Appellant u siehbu kisru *work policy* ohra meta huma wasslu *pilot* fuq bastiment u minflok ma baqghu jistennewh fl-akwati kif jistipulaw il-proceduri marru jieklu fir-*rest-room*, fejn konsegwenza t'hekk meta dan gie biex jinzel kellu jibqa' abbord.
Ix-xhud spjega li l-Appellant kien wiehed minn dawk il-persuni li kien inqaliblu l-*istatus* tieghu minn *self-employed* ghall-impjegat regolari. Qal li l-kuntratt tax-xoghol taghhom kien sar pero' dan qatt ma gie ffirmat mill-Appellant.

**Noel Galea** qal li huwa *Maritme Pilot* fejn jiehu hsieb il-*Port Logistics Operations*. Huwa spjega fid-dettall ix-xoghol li jaghmel kemm fir-rigward ta' pilotagg u anke xoghol amministrattiv. Xehed li d-decizjoni li jintemm l-impjieg tal-Appellant ittiehdet wara li l-Kumitat tat-Tmexxija li hu jaghmel parti minnu kien iltaqa' u hemmhekk ittiehdet id-decizjoni. Ix-xhud qal li din id-decizjoni kienet ibbazata fuq il-fatt li l-Appellant kien irrifjuta li joqghod bis-sahra, u wara li raw l-istorja tieghu, ddecidew li jtemmulu l-impjieg. Ix-xhud wara ghadda sabiex jaghti spjegazzjoni kif kien ikun kondott ix-xoghol tal-*Coxswains*. F'dan il-kuntest huwa semma kaz ta' dixxiplina li kien sar fil-konfront tal-Appellant fejn huwa kien inghata *written warning* u dan ghaliex kien saq il-lanca b'mod eccessiv. Huwa semma kazi ohrajn fejn l-Appellant ma kienx agixxa 'in konformita' mall-*work policies*.
Ix-xhud kompla li f'xi zmien kienu gew infurmati bhala *Management* li xi mpjegati kienu ssiehbu mall-GWU. Pero' din qatt ma nfurmathom la min kienu l-membri u lanqas li kien hemm l-Appellant kien is-*Shopsteward*.
Ix-xhud kompla li dwar l-ahhar kaz u li kien wassal ghat-tmiem tal-impjieg, l-Appellant kien ghadda Bord ta' Dixxiplina, fejn huwa kien assistit mill-GWU permezz ta' Lino Debono. Dan il-Bord, li kellu *Chairperson* lis-Sur Robert Laurenti kien sab lill-Appellant hati. Ix-xhud spjega li din id-decizjoni giet mghoddija lill-*Management* fejn dan wara li evalwa kemm din id-decizjoni u l-kazi precedenti li kellu Cassar, gie deciz li jintemmlu l-impjieg. Ix-xhud filwaqt li qal li din kienet l-ewwel darba li kienet ittiehdet decizjoni bhal din, kompla li d-decizjoni ma gietx mghoddija mill-ewwel lil Cassar sabiex ikun hemm speci ta' '*cooling period'*, gara izda kompla x-xhud li fil-frattemp Cassar rega' kien involut f'kaz iehor.
Ix-xhud kompla li wara li ltaqa' l-Kumitat tal-*Management* gie deciz li d-decizjoni li jintemm l-impjieg tigi attwata. Ix-xhud qal li l-*Management* kien

baghat ghal Cassar fejn kien avzah bid-decizjoni, fejn tawh il-possibilita' li jekk irid seta' jirrizenja.
Ix-xhud qal li Cassar qal li kien ser jiehu parir u wara nforma li kellhom jimxu bit-tkeccija. Ix-xhud qal li Cassar qatt ma appella minn din id-decizjoni u l-uniku kommunikat li kellhom minghandu kien meta gew infurmati li huwa kien fetah procedura kontra l-kumpanija quddiem it-Tribunal Industrjali.

**Emmie Cassar,** l-Appellant qal li qabel qabad jahdem mall-Port Logistics Operations Ltd, kien jahdem mall-kumpanija A&C Caruana li kienet taghmel l-istess xoghol fuq il-*Pilot Boats*. Huwa spjega li wara li l-operat ta' din il-kumpanija ttiehed mill-piloti nfushom fejn hu u ohrajn spiccaw impjegati mas-Socjeta' ntimata. Huwa spjega li fil-bidu l-*istatus* lavorattiv taghhom kien dak ta' *self-employed*.
Ix-xhud kompla li kienu saru numru ta' laqghat mall-Kumitat ta' Tmexxija tas-Socjeta' ntimata fejn huwa kien jirrapprezenta lil shabu sabiex l-ingagg taghhom ikun konvertit f'impjieg kif titlob il-ligi. Izda, kompla x-xhud wara li ma setghux jaslu fi ftehim fejn kien anke jhossu li qed jigi mhedded ghax kien qed jidher hu ghal shabu, gie deciz li jidhlu fil-GWU.
Dwar il-*warnings*, ix-xhud qal li huwa sar jaf bihom appena beda dan il-process quddiem il-Qorti. Dan ghajr wiehed li kien inghata ma' siehbu Ryan Previ u li dwaru kien ittella' quddiem Bord ta' Dixxiplina. Ix-xhud stqarr li huwa kien wera lill-*management* li dan il-*warning* ma kienx kuntent bih u sostna li minn hemm il-quddiem kien qed ihossu li kien il '*black sheep'* tal-kumpanija. Ix-xhud qal li Noel Galea kien qallu sabiex ma jinkwetax wisq ghax wara sitt xhur dak il-*warning* kien jaqa'. Ix-xhud qal li dan kien sehh bosta xhur qabel tkecca.
Dwar l-episodju li wassal ghat-tkeccija, x-xhud qal li dakinhar kien xoghol fix-xift ta' filghodu flimkien ma' Arthur Grech. Huwa qal li ghal xi t-15.30 kienu ircevew telefonata minghand l-*Operations Manager* Spiteri fejn kien gharrafhom li kellhom jaghmlu *conveyance* bi tnejn min-nies ghall-*Freeport*, u li dwar il-hin propju ta' din il-bicca xoghol kellu jghidilhom il-hin aktar tard.
Ix-xhud kompla li meta gew infurmati x'hin kellu jsir ix-xoghol, hu nforma lill-*Operations Manager* li ma setax jaghmel dak ix-xoghol bis-sahra minhabba li kellu appuntament familjari. Huwa kien infurmah ukoll li l-anqas siehbu ma seta' joqghod bis-sahra. Ix-xhudipprezenta kopji tal-kontenut tal-messaggi li kienu ghaddew bejniethom fuq is-suggett.
Ix-xhud qal li meta huwa ghadda dan il-messagg lill-*Operations Manager* dan kien irrabbja hafna u kien qallu li x-xoghol iridu jaghmluh bil-fors. Huwa qal li meta nsista li huwa kellu apuntament familjari, l-*O.P.* kien qallu sabiex ihassru u li ma kienx avzah minn qabel li kellu tali appuntament.

Ix-xhud qal li f'dak l-istess argument l-*O.P.* kien qallu 'ara ma titlobniex siegha *overtime* ohra inti.'.

Fir-rigward ta' din, ix-xhud qal li kien sar tbghabis fil-*log book* sabiex ikun indikat li fil-fatt din il-*conveyance* setghet issir fil-hin normali. Ix-xhud qal li huwa kien gibed ritratt tal-hin propju li kien originarjament illoggjat. Huwa pprezenta kopji li jindikaw dak li kien ghadu kif allega.
Ix-xhud kompla li wara huwa kien ircieva ittra registrata minghand il-*Management* fejn kienu tawh 12-il siegha sabiex jirrispondi ghalfejn il-gurnata ta' qabel ma kienux ghamlu l-*conveyance*. Huwa qal li kien ta spjegazzjoni bil-miktub kif mitlub. Huwa spjega li fuq din l-*issue* kien deher quddiem Bord ta' Dixxiplina u li f'dan il-process kien assisstit mill-GWU permezz ta' Lino Debono Grech, liema process dam ghaddej erba / hames xhur. Ix-xhud stqarr li matul dan il-perjodu huwa baqa' jidhol ghax-xoghol normali. Huwa kompla li xi jumejn wara li spicca dan il-process huwa kien ircieva messagg li kienu riedu jkellmuh il-Kumitat tat-Tmexxija. Ix-xhud qal li huwa kien ipprova jindaga fuq xhiex riedu jkellmuh izda ma rnexxilux. Huwa kompla li meta mar, kien kellmu Noel Galea fejn gharrfu li c-*Chairman* tal-Bord tad-Dixxiplina kien sabu hati u li kien gie deciz mill-Bord tat-Tmexxija li jitwaqqaflu l-impjieg.
Ix-xhud qal li f'dak l-istant Noel Galea kien tah zewg ghazliet, fis-sens li jew jaccetta li jirrizenja jew inkella jitkecca. Ix-xhud qal li huwa ma accettax li jirrizenja u eventwalment safa mkecci. Ix-xhud qal li kien immedjatament ikkuntataja lil Jeremy James Camilleri tal-Union li min-naha tieghu qallu li ma tantx jistghu jsiru affarijiet fic-cirkostanzi u wara gie kkuntatajat l-avukat tal-Union.
Ix-xhud qal li minkejja li f'dan l-incident kien hemm kollega tieghu jismu Arthur u li bhalu dakinhar ma ghamilx is-sahra rikjesta, proceduri ta' dixxiplina kienu ittiehdu kontrih biss.
Fuq mistoqsija tat-Tribunal, ix-xhud ikkonferma li d-durata tal-impjieg tieghu mas-Socjeta' ntimata kienet bejn 1 ta' Gunju 2014 u 29 ta' Lulju 2014. Dan ghaliex qabel dan il-perjodu huwa kien *self-employed* iforni servizz lill-kumpanija.
Ix-xhud kompla li nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu 2014 kien cempillu James Spiteri l-*Fleet Superintendent* fejn gharrfu li jista' jkun li ghal xi l-17.00 kien ser ikun hemm xi xoghol. Ix-xhud qal li kien wiegbu sabiex jikkonsulta mall-*pilot*. Huwa kompla li Spiteri wara kien baghtlu messagg fejn kien qallu biss li kien ix-xoghol mkien jikkonnsisti li jtellghu zewg *surveyors* fuq il-vapur Captain Felix li kien sorgut 5 mili nawtici minn M'Xlokk. Ix-xhud qal li kien avza lil Spiteri li dak ix-xoghol ma kienx ser ilahhqu la hu u l-anqas siehbu ghaliex kellhom appuntamenti u allura x-xoghol kellu jsir mix-xift ta' warajhom. Ix-xhud kompla li dan ix-xoghol ma setax isir minnhom ghaliex hu u siehbu kienu ser jispiccaw fil-17.30 u jekk kienu ser johorgu fil-17.00 ma kinux ser jaslu lura fil-17.30.

**Jeremy James Camilleri** beda x-xhieda tieghu billi qal li filwaqt li llum jokkupa l-kariga ta' *GWU Secretary* tat-Taqsima Gvern u Entitajiet Pubblici, meta l-Appellant kien impjegat ta' Port Logistics huwa kien Segretarju tat-Taqsima

Marittima u Avjazzjoni. Huwa qal li sar jaf lil Cassar meta huwa kien ikkuntattjah u kien gharrfu li l-haddiema ta' fejn kien jahdem hu kienu nteressati li jidhlu membri fil-GWU. Ix-xhud qal li l-haddiema kienu ghazlu lil Cassar sabiex jirrapprezentahom u li kienu qalulu li kellhom xi problemi fuq ix-xoghol fosthom li min status ta' *Self Employed* xtaqu jigu bil-kuntratt.
Ix-xhud qal li kien beda jittaratta din l-*issue* ma' certu Joseph Micallef, fejn dan kien qallu li l-problema m'humiex il-haddiema ghaliex dawn kuntenti izda l-problema hu Cassar.
Ix-xhud qal li minkejja li kienu saru xi laqghat, li f'mumenti minnhom kienu mqanqlin, baqghu ma ftehmux. Ix-xhud qal li kien wara dan l-episodju li Cassar kien kellmu dwar il-kaz ta' dixxiplina li sa fejn jaf hu (Camilleri) kien dwar xi *overtime.*
Ix-xhud kompla li meta beda jkun ittrattat il-kaz ta' dixxiplina kontra Cassar huwa ma kienx baqa' Segretarju ta' dik it-Taqsima, u kien is-Sur Lino Debono bhala rapprezentant tal-GWU, li kien assista lil Cassar. Ix-xhud kien gharrfu li fir-rigward ta' dan il-kaz kien hemm l-inkwiet ghaliex fil-fehma tieghu, l-kumpanija riedet tkecci lill-Appellant. Ix-xhud qal li wara li kienet ittiehdet id-decizjoni li Cassar jitkecca, l-Appellant kien qallu li kien gralu hekk ghaliex kien jirraprezenta lil shabu.
Ix-xhud qal li malli kien infurmat li Cassar kellu l-impjieg tieghu terminat kien irrefera l-kaz lit-*Team* legali tal-GWU.

**Arthur Grech** beda xhieda tieghu billi qal li huwa kien jaghmel l-istesss xoghol bhal l-appellanti u kienu jahdmu fuq l-istess lanca. Huwa qal li dakinhar li nqala' l-incident tal-*Overtime,* huma kienu xoghol fuq *day duty,* u cjoe' mill-05.30 sal-17.30. Ix-xhud kompla li ghal xi l-16.00, Emmie kien ircieva telefonata, fejn kienu gew mgharrfa li kien ser ikun hemm *conveyance* u huma talbu d-dettalji. Ix-xhud kompla li meta gew mgharrfa li din il-bicca xoghol kienet ser tibda fil-17.00 u kienet ser tiehu daqsxejn tal-hin, ikkalkulaw li ma kinux ser ilahhqu ghaliex ix-xift taghhom kien sal-17.30.
Ix-xhud qal li huma kienu nfurmaw lil James Spiteri l-*co-ordinator* li ma setghux jaghmlu dak ix-xoghol ghaliex kellhom appuntamenti. Ix-xhud kompla li xi hames minuti wara kienu qalu lil Spiteri li jekk il-*conveyance* tista' ssir qabel kienu jlahhqu jaghmluha, izda dan infurmahom li kien diga' ordna tnejn ohra sabiex jaghmlu dak ix-xoghol.
Ix-xhud kompla li meta l-ghada dahlu ghax-xoghol u raw il-*log book* indunaw li l-hin li saret il-*conveyance* fil-gurnata ta' qabel kien gie mibdul, fis-sens li dan gie juri li l-lanca li ghamlet il-*conveyance* dahlet fis-17.55 minflok fis-18.10.
Huwa stqarr li dan id-dettall jafu ghaliex l-Appellant kien urieh ritratt tal-*logbook* li kien juri l-hin tas-18.10. Ix-xhud insista li l-Appellant ma kienx qallu min kien gibed dak ir-ritratt. Huwa qal li fir-rigward ta' dan l-incident , peress li huwa kien fuq status ta' *self employed* kien inbidillu l-hin tax-xoghol u dan fis-sens li kien

ser jibda jahdem nofs siegha aktar u cjoe' sas-18.00. Ix-xhud qal li kurrentament l-istatus tieghu huwa ta' mpjegat ma' l-istess kumpanija.

**Joseph Saliba** rapprezentant ta' Jobsplus, ipprezenta kopja tal-*Employment History* tal-Appellant u spjega l-entraturi relatati mall-impjieg li l-Appellant kellu mas-Socjeta' ntimata.

**Lino Debono** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jagixxi bhala rapprezentant tal-GWU f'kazi ta' dixxiplina. Dwar l-appellant, ix-xhud qal li huwa kien gie mitlub mis-Segretarju tat-Taqsima Jeremy Camilleri sabiex jassisti lill-Appellant fil-proceduri ta' dixxiplina li kellu.
Dwar il-kaz ta' dixxiplina x-xhud qal li jiftakar li kien jirrigwardja xi rifjut ta' sahra da parti tal-Appellant u li kien ittrattat quddiem bord ta' dixxiplina bic-*Chairman* is-Sur Laurenti. Ix-xhud qal li wara, huwa kien infurmat li b'rizultat ta' dan il-bord ta' dixxiplina, l-impjieg ta' l-Appellant kien gie terminat.
Ix-xhud qal li fil-fehma tieghu waqt il-bord ta' dixxiplina l-appellant kien inghata smiegh xieraq. Ix-xhud temm billi qal li waqt dan is-smiegh kien prezenti c-*Chief Pilot* assistit minn Ant. Degiovanni.

**Graham Calleja** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jaf lill-Appellant bhala ex-kollega tieghu meta kienu jahdmu mas-Socjeta' ntimata, fejn kienu jaghmlu l-istess xoghol. Huwa qal li kien dam jahdem hemmhekk ghal madwar 6 snin. Ix-xhud ikkonferma dokument li kien juri ritratt ta' pagna mir-registru *logbook* fejn kienu jitnizzlu d-dettalji tal-*conveyances* li jkunu saru, bhad-data, l-hinijiet tal-hrug u d-dhul, il-lanca li tkun intuzat, etc. Huwa qal li dak ir-ritratt kien gibdu hu u kien baghtu lill-Appellant fuq *Whatsapp*.

**Sandro Muscat** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jaf lill-Appellant bhala ex-kollega tieghu meta kienu jahdmu mas-socjeta' ntimata. Huwa qal li hu flimkien mall-Appellant u Saviour Grech kienu bhal kumitat li kien jirraprezenta lil shabhom meta kien ikun hemm xi lment mall-Port Logistics Ltd.
Ix-xhud qal li fl-2011, l-impjegati kienu wrew ix-xewqa li l-*istatus* taghhom minn *self-employed* jinqaleb ghall-impjieg formali mall-kumpanija. Huwa tenna li ghal din ix-xewqa kien hemm rezistenza mill-*Pilots* li kienu s-sidien tal-kumpanija tant li (l-*Pilots*) bdew jarawhom koroh. Huwa qal li lill-Appellant peress li kien rapprezentant tal-grupp bdew jaghmlulu hajtu mizerja.

Ix-xhud iddikjara b'mod skjett li Noel Galea ftahar mieghu li ghandu l-unur li lill-Appellant kien keccieh u *at all costs* ma jridx jarah b'ghajnejh. Huwa tenna li dan id-diskors kien qalulu meta l-Pilots kienu hajjruhom jiffurmaw koperattiva.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Jan-Karl Farrugia** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda billi qal li l-Appellant minn rajh u bla ma hadd qatt qabbdu kien intriga sabiex arbitrarjament jibda jirraprezenta lill-kollegi tieghu kemm dawk *self-employed* u anke dawk li kienu mpjegati, u dan meta fuq ix-xoghol qatt ma kien hemm xi dizgwid starordinarju. Tant illi f'xi zmien kien qabbad avukat sabiex jiftah proceduri kriminali kontra tlett kaptana, u fl-andament tal-proceduri l-impjegati li f'isimhom kienu nbdew tali proceduri talbu sabiex il-process ma jitkompliex. Huwa kompla li matul dan il-process l-Appellant ried jinghata bixra li tkecca mill-impjieg ghaliex kien il-vuci ta' shabu.
L-Avv. Farrugia kompla li din l-attitudni nisslet fl-Appellant sens ta' stmerrija, bidlitlu l-atteggament tieghu u minn haddiem fost l-aqwa ghal wiehed li juri stmerrija flagranti lejn ir-rapprezentanti tas-Socjeta' ntimata. Sens ta' stmerrija kompla l-Avukat sabiex ikun responsabbli ghal diversi kazijiet ta' insubordinazzjoni grossolana li wasslu ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu.
L-Avv. Farrugia esprima tifhir ghall-kapacitajiet tal-Appellant bhala *Coxswain / Deckhand* li kien ilu mpjegat mas-Socjeta' ghal madwar tmien snin. Huwa kompla li dan huwa sponut tajjeb f'dokument ipprezentat lill-Jobsplus, fejn l-Appellant huwa ndikat bhala persuna multi-dixxiplinarja b'lista ta' kompetenzi ta' portata tajba. Huwa qal li l-kumpanija stess kienet investiet fih sa ma wasslitu jikseb *Commercial Local Masters Certification.*
F'dan l-ambitu, l-Avv. Farrugia qal li hija kurjuza kif tali persuna ghamel 36 xahar bla xoghol u fl-istess zmien ma rregistrax mall-Jobsplus bhala persuna disimpjegata tfittex ix-xoghol. L-Avv. Farrugia stqarr li s-Socjeta' ntimata taf li l-Appellant kien jaghmel xoghol bhala *self-employed* fuq riggijiet taz-zejt, kemm waqt li kien fl-impjieg maghha u anke immedjatament wara u dan bi dhul astronomiku. Huwa semma divesi kazi ta' mankanzi fit-twettiq tad-doveri min-naha tal-Apppellant fejn filwaqt li bosta drabi ma kienx jinghata *warnings* pero' kien jigi mcanfar. Huwa rrefera ukoll ghall-*warning* li l-Appellant kien inghata f'Awwissu 2010 minhabba *overspeeding* tal-lanca, kif ukoll ghall-episodju fejn hu (l-Appellant) kien wettaq negligenza kbira meta habbat lanca gdida li swiet €800,000 b'velocita kbira ma' *tuna pen*. F'dan il-kaz l-Appellant talab sabiex ma jitkecciex mix-xoghol u jinghata cans ghalkemm ir-rapport tal-espert tal-Qorti kien indika responsabilita' shiha ghalih. Fil-fatt kompla l-avukat huwa nghata tbezbiza sewwa tant li ghal sentejn huwa hadem b'serjeta fuq xogholu.

L-Avv. Farrugia kompla li f'Mejju 2012, l-Appellant rega' kien involut f'kaz iehor ta' *overspeeding* u fejn kien ghadda Bord ta' Dixxiplina fejn instab li kien responsabbli ghall-incident, bl-avukat li kien irrapprezentah accetta r-rapport tal-Bord. L-Avv. Farrugia spjega kif fil-bidu tal-2013 l-Appellant kien talab sabiex jinghata 3 xhur *leave* sabiex imur jahdem fuq rig taz-zejt bhala *welder*. Il-Management kien laqa' t-talba tieghu bil-patt li l-arrangament ikun ghal tlett xhur

biss. Madanakollu l-Appellant baqa ma dahalx xoghol wara l-perjodu miftiehem sa ma fl-10 ta' Gunju 2013 taghtu avviz bil-miktub u kien biss wara dan l-avviz li huwa dahal lura ghax-xoghol.
L-Avv. Farrugia spjega kif f'Jannar 2014, l-Appellant waqt li kien fuq *night shift* kien irrifjuta li jaghmel *refueling* tal-lanca fejn huwa kien inghata *warning*.
L-avukat wara ta dettalji tal-ahhar episodju li kien wassal ghat-temm tal-impjieg tal-Appellant. Huwa spjega li f'dan il-kaz l-Appellant kien irrifjuta li jesegwixxi ordni ta' xoghol waqt il-hin tax-xoghol. Huwa spjega li tali agir wassal sabiex tiettiehed azzjoni dixxiplinarja, fejn huwa kien tressaq quddiem Bord ta' Dixxiplina indipendenti fejn f'rapport dettaljat kien instab hati li kien irrifjuta ordni legittima ta' xoghol, u konsegwentament gie terminat l-impjieg tieghu.
L-Avv. Farrugia filwaqt li rrikonoxxa li t-tkeccija mill-impjieg huwa l-kastig estrem, huwa nsista li jkun hemm okkazjonijiet fejn tali kastig ikun gustifikat bhal ma hu fil-kaz ittrattat. F'din l-inkwadratura huwa rrefera ghall-kaz li kienu gew ittrattati mill-Qorti tal Appell u fejn it-tkeccija kienet giet ikkonfermata.

**Avv. Anthea Witney Turner** ghan-nom tal-Appellant bdiet billi rrilevat illi minkejja li l-kumpanija iddeskriviet lill-Appellant bhala persuna kapaci f'xogholu, tikkontendi illi l-problemi elenkati mill-kumpanija bdew meta hu beda jitkellem ghalih u ghal shabu sabiex minn status ta' self employed jigu rikonoxxuti bhala mpjegati u dan ftit wara li kien sehh tinbdil fil-legislazzjoni f'dan ir-rigward f'2012 fejn it-tensjoni eskalat meta l-Appellant kien involva lill-GWU bhala l-Union rapprezentattiva.
L-Avv. WitneyTurner sahqet li t-tkeccija mill-impjieg hija l-mizura dixxiplinarja l-aktar harxa u ghandha tkun effettiva biss fejn ikun hemm raguni tajba u bizzejjed. Hija kkwotat decizjonijiet varji tat-Tribunal Industrjali sabiex tesponi dan l-aspett.
L-Avv. WitneyTurner wara ghaddiet ghall-episodju tal-ahhar li wassal ghat-tkeccija mill-impjieg. Hija sostniet li fl-ordni ta' xoghol li l-Appellant kienet inghatatlu kienet ser taqbez il-hin normali tax-xoghol u allura meqjusa bhala sahra.
Hija spjegat illi fil-kuntest li x-xift li kien fuqu l-Appellant kien wiehed ta' 12-il siegha, fuq medja ta' 7 ijiem huwa kien jahdem 48 siegha. Hija tenniet li l-legislazzjoni tinibixxi li haddiem jahdem aktar minn 48 ghal kull perjodu ta' 7 ijiem inkluz sahra. Hija tenniet ukoll li jekk impjegat ikun mkecci mix-xoghol ghaliex ikun irrifjuta li jahdem aktar minn 48 siegha, tali tkeccija tkun meqjusa bhala ngusta.
L-Avv. Witney Turner wara rribattiet il-kolpevolezza tal-Appellant fil-kazi riferuti mill-kumpanija bhala kazi ta' agir irresponsabbli min-naha tieghu. L-Avv. WitneyTurner sahqet illi anke jekk ghas-sahha tal-argument jigi accettat li f'dawk il-kazi l-Appellant kien hati certament li dawn ma kienx xieraq li jinghata l-piena ta' tkeccija. Kastig deskritt mill-Avv. Witney Turner bhala sproporzjonat fic-cirkostanzi. L-Avv. Witney Turner insistiet li ma kinitx

kumbinazzjoni li l-episodji ta' dixxiplina fil-konfront tal-Appellant kif riferuti mill-kumpanija sehhew appena nbdew attentati sabiex l-impjieg taht status ta' *self employed* jigi maqlub ghall-impjieg propju wara li dahlet fis-sehh legislazzjoni apposta u cjoe' fil-31 ta' Jannar 2012. L-Avv. Witney Turner espremiet konvinzjoni li l-mizuri dixxiplinarji nkluz it-tkeccija mill-impjieg kienet minhabba li l-Appellant kien jesponu fuq quddiem fejn jidhlu drittijiet taghhom tant li kien hu stess li kien ghamel kuntatt mall-GWU. Dan partikolarment ghaliex ghal l-istess rifjut ta' sahra minn kollega siehbu Arthur Grech, filwaqt li l-Appellant gie mkecci, Grech semplicement inbidillu l-kuntratta ta' servizz. Dan anke fl-isfond ta' dak li xehed Sandro Muscat fejn qal li Noel Galea kien ftahar mieghu li kecca lill-Appellant.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal fela bir-reqqa dovuta kull dokument esebit u xtarr b'attenzjoni l-argumenti kif zvolgew matul il-process, u wasal ghall-konkluzzjoni li filwaqt illi huwa fatt illi matul din l-esperjenza lavorattiva, l-Apellant diversi drabi giet attirata attenzjoni fil-konfront tieghu dwar certu nuqqasijiet, pero' huwa fatt ukoll illi tali attirar ta' attenzjoni qatt ma ntweriet posizzjoni ferma min-naha tal-*Management* illi ripetizzjoni ta' nuqqasijiet kien ser ifisser konsiderazzjoni reali li jigi mitmum l-impjieg.

It-Tribunal wasal ghall-fehma, (b'mod partikolari mix-xhieda u l-komportament generali tal-Appellant waqt dan il-process), li l-mod kwazi ndulgenti min-naha tal-*Management* fuq medda ta' snin ghan-nuqqasijiet imwettqa min-naha tal-Appellant, jista' jkun li bdiet tigi nterpretata minnu bhala zelqiet minuri. Rispons legger min-naha tal-*Management* fil-konfront ta' nuqqsijiet ripettittivi, minghajr ma jkun qed jigi osservat, ikun qed jattenwa l-kolpevolezza, u dan ghaliex galadarba dejjem 'qed tkun lenjenti ma jkunx gustifikat li meta tkun komdu taqtali rasi'.

F'dan il-kaz li qed jigi ittrattat quddiem dan it-Tribunal, s-Socjeta' ntimata bil-ghan li ssostni t-tkeccijja, semmiet episodji ta' nuqasijiet varji, fejn xi whud minnhom imorru lura snin qabel it-tkeccija u ohrajn aktar vicin, u fejn f'xi drabi l-Appellant inghata '*warning*'.

Bla dubju, fil-konfront tan-nuqqasijiet li ssemmew, inkluz l-ahhar nuqqas fejn gie mghoddi Bord ta' Dixxiplina, l-Appellant kellu jigi penalizzat, izda mhux b'dak il-kastig li fir-relazzjoinijiet industrjali huwa meqjus bhala l-piena kapitali. Setghet inghatat konsiderazzjoni ghal xi forma ta' penali ohra.

**Decizjoni**

Ta' min jirrileva li t-Tribunal irid jiddeciedi jekk ir-raguni tat-terminazzjoni ta' mpjieg tkunx tajba u sufficcjenti skond il-ligi u wara kollox li tkun tissodisfa l-gustizzja naturali.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant ma kinitx wahda gusta.

F'din ic-cirkostanza t-Tribunal wara li kkonsidra li l-Appellant ghad ghandu 40 sena, li hadem mas-Socjeta' ntimata ghal sitt snin u nofs u li pero', minkejja li jippossiedi hiliet mhux zghar, sa minn meta tkecca minn mas-Socjeta' ntimata fl-Lulju 2014 sa ma rega' dahal b'mod shih fid-dinja tax-xoghol f'Novembru 2017, huwa jidher registrat li hadem biss perjodi qosra fuq bazi ta' *part-time* (15-il xahar) u *full-time* (3 xhur) u li meta ma kienx jidher li qed jahdem, lanqas ma mar jirregistra bhala disimpjegat ma' Jobsplus, iqis bhala kumpens xieraq dovut lill-Appellanti fis-somma ta' €13,302. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)

**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**